# GĦANA

*Ta'* C. CASSAR

Mindu rajtek l-ewwel darba
Kif ġennintni d-dawl t'għajnejk
Issaħħart għall-ġmiel ta' wiċċek
Bqajt miblugħ inħares lejk.

Sirt inħobbok b'qalbi kollha
Kif tjassart għall-ġmiel minn tiegħek,
Xewqa waħda nissilt f'qalbi
Illi għomri nqatta' miegħek.

U f'dil-lejla l-aktar safja
Taħt id-dija tas-smewwiet
Ġejt ngħannilek l-għanja tiegħi
Li bil-kemm tikser is-skiet.

Bexxaq ftit il-ħelu fommok
B'kelma waħda biss ta' hena
Ħalli nisma' l-leħen tiegħek
Donnu għana tas-sirena.

Ma jaħasra x'thewdin dana
Kif inħossu sa jġenninni
Kieku taf kif sfajt imjassar
Kien ikollok ħniena minni.

Ma rridx le nissokta ngħanni
Għax bil-kemm inkun emmnut
Li 'k inkompli f'din il-ħajja
F'qasir żmien nimrad u mmut.

Kif qatt nista' norqod b'sabri
Jekk għal kollox ngħasi tar,
Lejli kollu ngħaddih nhewden
Bejn l-imħabba u bejn l-imrar.

Qalbi kollha lilek tajtha
Lejl u nhar naħseb biss fik,
L-ebda xewqa ma fadalli
Ħlief li nħobbok u ngawdik,



Kieku jkolli din ix-xorti
Li wisq ili żmien nistenna,
Kull imrar li hawn fid-dinja
Kif jinbidel u jsir ġenna.

Ngħixu fl-hena ta' l-imħabba
Bħall-agħsafar fost il-friegħi,
In-nies kollha tgħir għalija
Xħin jarawk marbuta miegħi.

Fost kemm hawn nisa fid-dinja
Liema ġmiel jista' jgħaddik,
Int ħallejt lill-anġli sħabek
Biex hawn fl-art jithennew bik.

Għajnejk ħolma tal-poeti
Ġismek jagħżlu l-iskulturi;
Kieku jkolli x-xorti nieħdok
Kemm inkun ferħan u kburi.

---

# TAQLIB

*Ta' OLIVER FRIGGIERI*

Għajjien u mgħaffeġ taħt tagħbija tqila
li tefgħu fuq spallejja, mxejt 'il ġewwa
fid-dlam ta' triq bla tmiem... Bla naf fejn qiegħed
bqajt dieħel... Taħt riġlejja xewk bla ħajja
madwari lpup imġewħa u sriep għajjura,
fuq rasi sema mtaqqal bi sħab iswed,
quddiemi baħħ fiċ-ċpar...

Mitluf fi ħsiebi
wasalt fi xfar irdum. Waqaft. Ġo fija
żewġ ilħna dwew: "Midd riġlek u f'pass wieħed
tistrieħ u għommtok iddub." "Timxix! Il-ħajja
li għandek tiġri fik mhix kollox."

Ħiemed
erġajt fi triqti lura. Mingħajr kelma
jew dmugħ li ngħasar fija xegħlet f'sidri
magħluqa għax qalb ħadd m'għarfet tagħdirha
il-bikja ta' min ħabb u ma ħabbewhx...